



Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0264(COD)
2013/0186(COD)

9162/21
ADD 2

AVIATION 134
CODEC 772
IA 101

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 8030/21 + ADD 1-2, ST 8419/21 + ADD1-2 + AD1CO1
Nru dok. Cion:	ST 10840/20 + ADD 1, ST 10841/20 + COR 1, ST 11020/20
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EQROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tagħixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew – Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu, fl-anness, it-test ta' kompromess propost mill-Presidenza għall-approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq.

It-tħassir ta' punti u artikoli sħaħ huwa rifless fi [...].

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) [...]

(2) [...]

(3) [...]

- (4) [...]
- (5) [...]
- (6) [...]
- (7) [...]
- (8) [...]
- (9) [...]
- (10) [...]
- (11) [...]
- (12) [...]
- (13) [...]
- (14) [...]
- (15) [...]
- (16) [...]
- (17) [...]
- (18) [...]
- (19) [...]
- (20) [...]

- (20a) Biex tiġi ottimizzata l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Ajru Uniku Ewropew, ir-Regolamenti (KE) 549/2004¹, 550/2004² u 551/2004³ ġew sostitwiti u mħassra bi [SES II+ emendat]. Huwa għalhekk xieraq li jiġu aġġornati r-referenzi li saru fir-Regolament (UE) 2018/1139⁴ għal dawk it-tliet Regolamenti.
- (20b) Huwa xieraq ukoll li fir-Regolament (UE) 2018/1139 jiġu integrati r-rekwiżiti marbuta ma' ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru li qabel kienu stabbiliti fir-Regolament 550/2004 biex ikun jista' jsir qafas regolatorju ssimplifikat għaċ-ċertifikazzjoni u proċess uniku ta' ċertifikazzjoni. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġi previst li, sabiex jiġu ċertifikati, il-fornituri tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS) jenħtieġ li juru robustezza finanzjarja suffiċjenti u jiksbu kopertura xierqa ta' responsabbiltà u assigurazzjoni, jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli dwar is-sjeda u l-istruttura organizzattiva u jimmaniġġjaw ir-riskji għas-sigurtà. Jenħtieġ li l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu applikati għaċ-ċertifikati maħruġa jiġu speċifikati wkoll.
- (20c) Barra minn hekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti essenzjali applikabbli għall-ATM/ANS u għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jiġu ssupplimentati fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għas-servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru.
- (21) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

-
- ¹ Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).
- ² Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizzi) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).
- ³ Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).
- ⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1)

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2018/1139 huwa emendat kif ġej:

(a1) l-Artikolu 2⁵ huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (h) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"mingħajr preġudizzju għar-Regolament [SES2+ emendat] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ispazju tal-ajru taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, id-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru fl-Ispazju tal-Ajru Uniku Ewropew."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti nazzjonali ta' sigurtà u difiża, u l-Artikolu [1(2)] ta' [SES2+ emendat], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-faċilitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li huma miftuħa għall-użu pubbliku; u

(b) l-ATM/ANS imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li huma pprovduti lit-traffiku tal-ajru li għalihom japplika r-Regolament [SES2+ emendat],

joffru livell ta' sikurezza u interoperabbiltà mas-sistemi ċivili li huwa effettiv daqs dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Annessi VII u VIII għal dan ir-Regolament."

⁵ Il-bidliet għal dan l-Artikolu huma maħsuba biex jaġġornaw ir-referenzi li jinsabu fir-Regolament 2018/1139.

(1) Fl-Artikolu 3, il-punti 5, 33 u 34 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(5) ‘ATM/ANS’ tfisser il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 2 tas- [SES2 + emendat] u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kif definiti fil-punt (4) tal-Artikolu 2 ta’ dak ir-Regolament, kif ukoll il-funzjonijiet tan-network imsemmija fl-Artikolu 26 ta’ dak ir-Regolament u s-servizzi li jikkonsistu fl-oriġinazzjoni u l-ipproċessar ta’ data u fl-ifformattjar u t-twassil ta’ data lit-traffiku tal-ajru ġenerali għall-fini tan-navigazzjoni bl-ajru;”

(33) "Spazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew" tfisser spazju tal-ajru fuq it-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, kif ukoll kwalunkwe spazju tal-ajru ieħor fejn l-Istati Membri japplikaw ir-Regolament [SES2+ emendat] f'konformità mal-Artikolu 1(4) ta' dak ir-Regolament⁶;

(34) “awtorità kompetenti nazzjonali” tfisser entità waħda jew aktar maħtura minn Stat Membru u li jkollha s-setgħat meħtieġa u r-responsabbiltajiet allokat i għat-twettiq tal-kompiti relatati maċ-ċertifikazzjoni, is-sorveljanza u l-infurzar f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tiegħu;

(1a) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 40 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-forniment ta' ATM/ANS imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 2(1) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness VIII u, jekk applikabbli, l-Anness VII.

Il-fornituri ta' ATM/ANS għandhom ukoll:

- a) Bil-ħsieb li jiġi żgurat għoti ta’ servizz sikur u kontinwu, juru robustezza finanzjarja suffiċjenti u jkun k i s b u k o p e r t u r a x i e r q a t a' r e s p o n s a b b i l t à u a s s i g u r a z z j o n i, b'kont meħud tal-istatus legali tagħhom u l-livell ta' kopertura tal-assigurazzjoni kummerċjali disponibbli;
- b) Jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli dwar is-sjieda u l-istruttura organizzattiva bil-ħsieb li jevitaw kunflitti ta’ interess biex jiġi żgurat għoti ta’ servizz mhux diskriminatorju; u
- c) jimmaniġġjaw ir-riskji għas-sigurtà."

⁶ Il-bidliet għal din id-dispożizzjoni huma maħsuba biex jaġġornaw ir-referenzi li jinsabu fir-Regolament 2018/1139.

(1b) L-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinħareġ meta ssir applikazzjoni, meta l-applikant ikun wera li jikkonforma mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 43 adottati biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu kif ukoll mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c)."

(b) Jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a L-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jkun soġġett għal kondizzjonijiet ġustifikati b'mod oġġettiv, mhux diskriminatorji, proporzjonati u trasparenti. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu, kif xieraq, ikunu relatati ma':

(a) delimitazzjoni jew restrizzjoni ta' operazzjonijiet ta' servizzi barra dawk konnessi mal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(b) kuntratti, ftehimiet jew arranġamenti oħra bejn il-fornitur tas-servizzi u parti terza u li jikkonċernaw is-servizz(i);

(c) il-forniment ta' informazzjoni raġonevolment meħtieġa għall-verifika tar-rekwiżiti taċ-ċertifikat fl-Artikolu 41, u

(d) kwalunkwe kondizzjoni legali oħra li mhijiex speċifika għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, bħal kondizzjonijiet relatati mas-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat."

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

"4. L-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi limitat, sospiż jew revokat meta d-detentur ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu jew ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c) u mar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ u ż-żamma ta' tali ċertifikat, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 43(1)."

(d) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej

"5. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 43, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir għandhom jitħallew jiddikjaraw il-kapaċità tagħhom, u d-disponibbiltà li għandhom tal-mezzi, biex iwettqu r-responsabbiltajiet assoċjati mas-servizzi pprovduti f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c). F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra bid-deċizzjoni tiegħu."

(1c) L-Artikolu 43 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c) għall-forniment ta' ATM/ANS imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 2(1) u l-konformità magħhom, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 4 u bil-ħsieb li jinkisbu l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 1, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar:

(a) ir-regoli u l-proċeduri speċifiċi għall-forniment ta' ATM/ANS f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c), inkluż l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza f'konformità mal-punt 5.1(f) tal-Anness VIII;

(b) ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 41(1);

(bb) il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 41(3a);

- (c) ir-regoli u l-proċeduri għad-dikjarazzjoni mill-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir imsemmija fl-Artikolu 41(5), u għas-sitwazzjonijiet li fihom dikjarazzjonijiet bħal dawn iridu jkunu permessi;
- (d) ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-suspensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 42(1), u għas-sitwazzjonijiet li fihom dawn iċ-ċertifikati jridu jkunu meħtieġa;
- (e) ir-regoli u l-proċeduri għad-dikjarazzjoni mill-organizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 42(1), u għas-sitwazzjonijiet li fihom dawn id-dikjarazzjonijiet iridu jkunu meħtieġa;
- (f) il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' ċertifikati msemmija fl-Artikoli 41(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 42(1) u tal-organizzazzjonijiet li jagħmlu dikjarazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 41(5) u mal-punt (a) tal-Artikolu 42(1).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 127(3).

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu kont debitu tal-Pjan Regolatorju tal-ATM.
3. Meta tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 40(1), l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, a), b) u c) ta' dan ir-Regolament u għandha tieħu kont debitu tal-istandards internazzjonali u l-prattiki rakkomandati, b'mod partikolari dawk stipulati fl-Annessi 2 sa 4, 10, 11 u 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

(2) l-Artikolu 93 huwa sostitwit b'dan li ġej⁷:

"Artikolu 93

Implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew

L-Aġenzija għandha, fejn ikollha l-għarfien espert rilevanti u fuq talba, tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari billi:

(a) twettaq spezzjonijiet tekniċi, investigazzjonijiet tekniċi u studji;

(b) tikkontribwixxi fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, f'kooperazzjoni mal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB) imsemmi fl-Artikolu [9b] ta' [SES II+ emendat], għall-implimentazzjoni ta' skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network;

(c) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM, inkluż l-iżvilupp u l-użu tal-programm SESAR.";

⁷ Il-bidliet għal dan l-Artikolu huma maħsuba biex jaġġornaw ir-referenzi li jinsabu fir-Regolament 2018/1139.

- (3) [...]
- (4) [...]
- (5) [...]
- (6) [...]
- (7) [...]
- (8) [...]
- (9) [...]
- (10) [...]
- (11) [...]
- (12) [...]
- (13) [...]
- (14) [...]
- (15) [...]
- (16) [...]
- (17) [...]
- (18) [...]
- (19) [...]
- (20) [...]

(21) l-Anness VIII huwa emendat kif ġej,

(a) jiddaħħal il-punt 2.3a li ġej:

"2.3a. Servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru

2.3a.1. Id-data dwar it-traffiku tal-ajru miġbura għandu jkollha kwalità suffiċjenti, tkun kompluta u kurrenti, u tinkiseb mingħand sors leġittimu fi żmien xieraq.

2.3a.2. Is-servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru għandhom jiksibu u jżommu prestazzjoni suffiċjenti fir-rigward tad-disponibbiltà, tal-integrità, tal-kontinwità u tal-puntwalità tagħhom, biex ikunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utent.

2.3a.3 Is-sistemi u l-għodod li jipprovdu servizzi tad-data dwar it-traffiku tal-ajru għandhom jiġu mfassla, prodotti u miżmuma sew biex ikunu żgurati li jkunu adattati għall-iskop intenzjonat tagħhom.

2.3a.4. Id-disseminazzjoni ta' din id-data għandha ssir fil-ħin u tuża mezzi ta' komunikazzjoni affidabbli u veloċi biżżejjed li jkunu protetti minn interferenza u korruzzjoni intenzjonali u mhux intenzjonali."

(b) il-punt 2.8 huwa sostitwit b'dan li ġej⁸:

"2.8. Ġestjoni tal-ispazju tal-ajru

L-allokazzjoni ta' volumi speċifiċi ta' spazju tal-ajru għal ċertu użu għandha tiġi mmonitorjata, ikkoordinata u promulgata f'waqtha sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' telf ta' separazzjoni bejn l-inġenji tal-ajru f'kull ċirkostanza. Filwaqt li tqis l-organizzazzjoni tal-attivitajiet militari u l-aspetti relatati taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru għandha tappoġġa wkoll l-applikazzjoni uniformi tal-kunċett tal-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru kif deskritt mill-ICAO u kif implimentat skont ir-Regolament [SES2+ emendat], sabiex jiġu ffaċilitati l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport."

⁸ Il-bidliet għal dan il-punt fl-Anness huma maħsuba biex jaġġornaw ir-referenzi li jinsabu fir-Regolament 2018/1139.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
